V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8725 — Nufarm/Century)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 45/06)

1. Fit-30 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Nufarm Europe GmbH (il-Ġermanja), ikkontrollata minn Nufarm Ltd (l-Awstralja),

— Century, portafoll ta' assi li jappartjenu għal Adama Agricultural Solutions Ltd (l-Iżrael) u Syngenta AG (l-Isvizzera),

Nufarm takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' Century kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Nufarm: prodotti għall-protezzjoni tal-għelejjel u teknoloġiji taż-żieragħ,

— Century: portafoll ta' prodotti għall-protezzjoni tal-għelejjel inklużi erbiċidi, fungiċidi, insettiċidi, trattamenti taż-żieragħ u regolaturi tat-tkabbir tal-pjanti fiż-ŻEE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8725 — Nufarm/Century

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").